FGURA

Minuti tal-laqgħa numru tletin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur B Camilleri<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur A Debono<br>Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur C Bonello |
| **Segretarju:** | Is-Sur A Grima |

Din il-laqgħa kienet qed titmexxa mill-Viċi Sindku skont artikolu 31(1) wara r-riżenja tas-Sur D Marmara' KLJ mill-kariga ta' Sindku.

Il-Viċi Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 Mozzjoni tneħħija tas-Sindku – Mozzjoni 2737/10/6**

1.01 Is-Sur S Camilleri informa li l-mozzjoni 2737/10/6 kienet qed tiġi rtirata wara r-riżenja tas-Sindku. Kien hemm qbil dwar dan mill-firmatarji l-oħra tal-mozzjoni msemmija.

**2.0 Aġġornament**

2.01 Il-Viċi Sindku informa li fil-funzjoni tiegħu skont artikolu 31, huwa kien qed qed isejjaħ laqgħa b'urġenza tal-Kunsill għal nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju 2010 fis-6.00pm sabiex tiġi diskussa l-materja 'Approvazzjoni ta' ħlasijiet Ġunju u Lulju 2010'. Huwa fakkar ukoll li fis-6.30pm kienet ser issir it-tkomplija tal-laqgħa hekk kif aġġornata nhar is-7 ta' Lulju 2010.

Is-Sur C Bonello ressaq point of order minħabba li l-Kunsill kien iltaqa' sabiex jiddiskuti materja diġa' stabbilita fl-Agenda.

VICE-MAYOR, Councillors, SECT, Cl. Staff hard copied v emailed 20-7-2010

Il-Viċi Sindku informa li kien qiegħed waqt l-aġġornament.

2.02 Il-Viċi Sindku talab sabiex il-laqgħa tkun aġġornata għal nhar il-21 ta' Lulju 2010 fis-6.30pm sabiex tiddiskuti l-materja ta' Ħatra ta' Sindku u Ħatra ta' Viċi Sindku.

Is-Sur C Bonello ressaq point of order minħabba li kienu saru aġġornamenti ta' aktar minn laqgħa waħda.

Il-Viċi Sindku informa li hu kien għamel aġġornament wieħed, jiġifieri dak għall-21 ta' Lulju 2010 fis-6.30pm.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.38pm.

Viċi Sindku                                    Segretarju